IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014
COM(2014) 428 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Isvezja għall-2014

u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza tal-Isvezja għall-2014

{SWD(2014) 428 final}

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Isvezja għall-2014

u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza tal-Isvezja għall-2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi[1], u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u partikolarment l-Artikolu6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[4],

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li se tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hi meħtieġa l-azzjoni biex tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività..

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri, li flimkien jagħmlu l-

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
[3] COM(2014) 428 finali.
[4] P7_TA(2014)0128 u P7_TA(2014)0129.

"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern ħadu deċiżjoni dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, tal-UE u taż-Żona tal-Euro bl-użu tal-għodod, strumenti u politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, u b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ favur il-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-programm nazzjonali ta' riforma tal-Isvezja għall-2013 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-programm konverġenza aġġornat tal-Isvezja għall-perjodu 2012-2016.

(5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir[5], li nieda s-Semestru Ewropew 2014 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dakinhar ukoll, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[6], li fih hija identifikat lill-Isvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kien se jitwettaq rieżami fil-fond.

(6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja, konsolidazzjoni fiskali u azzjoni biex jitrawwem it-tkabbir. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jsir perkors lejn konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, li l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, li jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, li jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u li tiġi modernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(7) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-rieżami fil-fond tagħha għall-Isvezja[7] skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Isvezja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtiġilhom monitoraġġ u azzjoni ta' politika. B'mod partikolari, l-iżviluppi rigward id-dejn tal-unitajiet domestiċi, flimkien mal-ineffiċjenzi fis-suq tad-djar, qed ikomplu jeħtieġu l-attenzjoni. Minkejja li l-eċċess kbir fil-kont kurrenti mhux qed jippreżenta riskji għal defiċitajiet kbar, u huwa parzjalment marbut mat-tnaqqis fl-ingranaġġ , il-Kummissjoni se ssegwi l-iżviluppi fiol-kont kurrenti fl-Isvezja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(8) Fis-16 ta' April 2014, l-Isvezja ppreżentat il-programm nazzjonali ta' riforma tagħha għall-2014 kif ukoll il-programm ta' konverġenza tagħha għall-2014. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(9) L-objettiv tal-istrateġija baġitarja deskritta fil-Programm ta' Konverġenza tal-2014 huwa li jkun żgurat eċċess ġenerali tal-gvern ta' medja ta' 1 % tal-PDG matul iċ-ċiklu fiskali, kif previst mill-qafas fiskali Svediż. Il-programm jikkonferma l-objettiv ta' terminu medju stabbilit fil-programm preċedenti ta' defiċit strutturali tal-1 % tal-PDG, li jirrifletti r-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Abbażi tal-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-gdid), il-Programm ta' Konverġenza jippjana riżultat li aktar milli jwettaq l-objettiv ta' terminu medju matul il-perjodu tal-programm. Skont il-programm, id-dejn tal-gvern, li għadu ħafna inqas mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG, huwa pproġettat li jonqos minn 41,5 % tal-PDG fl-2014 għal 35 % fl-2017. B'mod ġenerali, l-istrateġija baġitarja deskritta fil-programm hija konformi mar-

[5] COM(2013) 800 finali.
[6] COM(2013) 790 finali.
[7] SWD(2014) 90 finali.

rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-programm huwa plawsibbli. Rigward is-sostenibbiltà fit-terminu twil tal-finanzi pubbliċi, sehem kbir mill-PDG qed jintefaq fuq il-kura ta' terminu twil u hija prevista żieda sinifikanti fl-infiq matukl it-terminu twil biex jiġi kkunsidrat it-tixjiħ tal-popolazzjoni, u b'hekk l-infiq fl-Isvezja fl-2060 se jkun ta' 6,4 % tal-PDG. L-Isvezja se jkollha tindirizza dan billi tiżgura li jkun hemm biżżejjed eċċessi primarji u tkompli trażżan l-infiq relatat mat-tixjiħ sabiex tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fit-terminu twil. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza tal-2014 u tal-previżjoni tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-programm tal-Isvezja huwa konformi mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u li r-riskji għall-miri baġitarji huma limitati.

(10) Id-dejn għoli tas-settur privat, u b'mod partikolari tal-unitajiet domestiċi Svediżi, għadhom kwistjoni ta' ħassib. Barra minn hekk, l-esponiment tas-settur finanzjarju għall-unitajiet domestiċi, bil-kuntrarju tas-settur korporattiv, qed jiżdied konformement mad-dejn tas-settur tal-unitajiet domestiċi, li bħalissa huwa 83 % tal-PDG jew madwar 160 % tad-dħul disponibbli. Id-dejn huwa xprunat minn tkabbir kontinwu tal-kreditu u pass bil-mod tal-amortizzazzjoni tal-ipoteki. Jekk ikun hemm żieda fir-rati tal-imgħax, tnaqqis fil-prezz tad-djar u/jew żvilupp makroekonomiku negattiv, id-dejn għoli tas-settur tal-unitajiet domestiċi jsir fattur ta' riskju. Evoluzzjonijiet bħal dawn ikollhom impatt fuq l-unitajiet domestiċi u fuq it-tendenzi tagħhom ta' konsum. Ikollhom ukoll effetti negattivi indiretti fuq is-settur bankarju, billi jżidu l-għadd ta' selfiet li ma jrendux u l-kost tal-finanzjament tas-suq. L-Isvezja la ħabbret u lanqas adottat xi miżuri biex jindirizzaw ix-xaqlib favur id-dejn fit-tassazzjoni relatat mad-djar li jistgħu jsiru fil-kuntest ta' spostament tat-taxxa, mingħajr ma jiżdied il-piż fiskali ġenerali. Madankollu, l-Isvezja ħadet xi azzjoni biex tippromwovi t-tislif prudenti permezz tal-introduzzjoni f'Mejju 2013 ta' limitu minimu għall-ponderazzjoni tar-riskju ta' 15 % għall-esponimenti tal-ipoteki u ġiet imħabbra wkoll aktar żieda. Madankollu, il-prattiki tal-amortizzazzjoni għadhom laxki b'perjodi ta' amoritzzazzjoni twal ħafna inqas minn 75 % tal-proporzjon tas-self mal-valur u miżuri b'saħħithom f'dan ir-rigward ma ttieħdux, meta wieħed jikkunsidra n-natura volontarja tar-rakkomandazzjoni ta' Ottubru 2013 dwar il-pjanijiet individwali tal-amortizzazzjoni. L-Assoċjazzjoni ta' Bankiera Svediża saħħet ir-rakkomandazzjoni tagħha f'Marzu 2014, billi talbet li l-amortizzazzjoni tonqos għal 70 % tal-proporzjon tas-self mal-valur. Fl-aħħar nett, l-Isvezja indirizzat ix-xaqlib favur d-dejn fit-tassazzjoni korporattiva billi kompliet issaħħaħ ir-restrizzjonijiet fuq it-tnaqqis tal-imgħax, minn Jannar 2013 estendiethom għat-tipi kollha ta' selfiet intragrupp u introduċiet l-hekk imsejjaħ tnaqqis tal-investituri li jista' jtaffi x-xaqlib favur id-dejn fit-tassazzjoni. It-taxxa korporattiva fuq id-dħul ukoll tbaxxiet minn 26,3 % għal 22 % mill-bidu tal-2013.

(11) Is-suq Svediż tad-djar, ikkaratterizzat minn żidiet għoljin ħafna fil-prezzijiet matuil dawn l-aħħar 20 sena, għadu sors potenzjali ta' instabbiltà. L-ineffiċjenzi għadhom piż fuq il-provvista tad-djar, partikolarment bħala riżultat ta' proċessi kumplessi ta' ppjanar, kompetizzjoni limitata fis-settur tal-kostruzzjoni u grad għoli ta' kontroll fuq il-kera. Flimkien mat-tassazzjoni li tikkaġuna d-dejn, dawn l-ineffiċjenzi għandhom it-tendenza li jimbuttaw il-prezzijiet tad-djar 'il fuq. L-Isvezja ħadet xi miżuri fis-suq tal-kiri iżda jidher li dawn il-miżuri mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw il-problema strutturali sottostanti marbuta mal-grad għoli ta' riġidità fis-sistema tal-kiri. L-abbozz ta' liġi tar-rebbiegħa li ppreżenta l-Gvern Svediż fid-9 ta' April 2014 ma kien jinkludi ebda miżura biex tindirizza s-suq tal-kiri. L-Isvezja adottat miżuri biex tindirizza l-

ineffiċjenzi tal-proċess ta' tqassim f'żoni u ppjanar, kif ukoll il-monopolju li għandhom il-muniċipalitajiet fl-ippjanar, billi għamlet rekwiżit li l-muniċipalitajiet jieħdu perspettiv reġjonali meta jkunu qed jiddefenixxu l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni. Dawn il-miżuri jmorru fid-direzzjoni t-tajba; mhux kollha ġew implimentati sa issa, u ma huma stabbiliti ebda penali għal muniċipalitajiet li ma jikkonformawx.

(12) Minkejja l-livelli għolja ta' finanzjament, hemm evidenza li r-riżultati tat-tagħlim fl-edukazzjoni obbligatorja, kif imkejla minn valutazzjonijiet internazzjonali tal-istudenti, huma agħar minn dawk tal-ewwel snin ta' dan is-seklu, u l-prestazzjoni tal-Isvezja bħalissa hija aktar baxxa mill-medja tal-UE u tal-OECD fit-tliet oqsma ttestjati (il-qari, il-matematika u x-xjenza). Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn l-isfond soċjoekonomiku u l-prestazzjoni saret aktar qawwija, u d-differenzi bejn l-iskejjel żdiedu. Filwaqt li l-miżuri ppreżentati mill-gvern huma passi fid-direzzjoni t-tajba, jidher li se jkun meħtieġ tibdil strutturali aktar radikali. Għal dan il-għan, l-Isvezja waslet biex twettaq rieżami tal-effikaċja tas-sistema edukattiva biex terġa' tistabilixxi livell għoli ta' prestazzjoni.

(13) Is-suq tax-xogħol fost iż-żgħażagħ, dawk bi ftit kwalifiki u persuni ġejjin minn ambjent migratorju għadu dgħajjef. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu ogħla mill-medja tal-UE. Filwaqt li l-Gvern Svediż ħa passi biex jindirizza dawn il-punti, jidher li d-diffikultajiet huma marbuta ma' problemi fil-qasam tal-edukazzjoni, billi s-sistema edukattiva Svediża mhix qed tipprovdi proporzjon ta' żgħażagħ bil-ħiliet neċessarji li bihom jirnexxielhom jintegraw fis-suq tax-xogħol. Rigward l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-Isvezja adottat miżuri biex tiffaċilita t-transizzjoni mill-iskola għad-dinja tax-xogħol (ir-riforma fl-apprendistati, inkluż "is-salarju tal-apprendist") u tgħin liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza fix-xogħol ("impjieg ta' introduzzjoni vokazzjonali"). It-tranżizzjoni kienet fil-fatt imsaħħa permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri bikrin għal dawk l-aktar fil-bżonn. Madankollu, il-kopertura u l-ilħiq għal persuni mhux reġistrati li mhumiex fis-sistema edukattiva, f'impjieg jew f'taħriġ jibqgħu dgħajfa. L-Isvezja qed taħdem ukoll biex tħaffef il-pass tal-integrazzjoni ta' persuni ġejjin minn ambjent migratorju, filwaqt li għadhom jippersistu sfidi l-aktar fost persuni ġejjin minn ambjent migratorju barra mill-UE. Fl-aħħar nett, l-Isvezja tinsab fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-effettività tar-rata mnaqqsa tal-VAT attwali għar-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel għas-sostenn tal-ħolqien tal-impjiegi. L-evalwazzjoni finali mistennija tkun lest f'Jannar 2016.

(14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Isvezja. Hija vvalutat il-programm ta' konverġenza u l-programm nazzjonali ta' riforma. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Isvezja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) hawn taħt.

(15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza tal-Isvezja , u l-opinjoni tiegħu[8] qed tiġi riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

[8] Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

(16) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (2) u (3) hawn taħt.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Isvezja tieħu azzjoni fil-perijodu 2014-2015 biex:

1. Tkompli ssegwi politika fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir u tieħu pożizzjoni fiskali tajba, biex tiżgura l-konformità mal-objettiv baġitarju fit-terminu medju matul il-perjodu kopert mill-Programm ta' Konverġenza, ukoll fid-dawl tal-isfidi li qed jippreżenta t-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-terminu twil.

2. Timmodera t-tkabbir tal-kreditu fis-settur tal-unitajiet domestiċi u d-dejn privat. Għal dan il-għan, tnaqqas l-effetti tax-xaqlib favur id-dejn fit-tassazzjoni fuq l-introjtu personali billi gradwalment tillimita t-tnaqqis fiskali fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki u/jew billi żżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà. Tieħu aktar miżuri biex iżżid il-pass tal-amortizzazzjoni tal-ipoteki.

3. Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tas-suq tad-djar permezz ta' riformi kontinwi tas-sistema li tistabbilixxi l-kera. B'mod partikolari, tippermetti aktar livelli ta' kera orjentati lejn is-suq billi titbiegħed mis-sistema ta' valur utilitarju u tkompli tilliberalizza ċerti oqsma tas-suq tal-kiri, tagħti aktar libertà fil-kuntratti bejn l-inkwilini u sidien il-kera individwali. Tnaqqas it-tul u l-kumplessità tal-proċessi ta' ppjanar u appell, billi tnaqqas u tamalgama r-rekwiżiti amministrattivi, tarmonizza r-rekwiżiti u l-istandards tal-bini madwar il-muniċipalitajiet u żżid it-trasparenza fil-proċeduri ta' tqassim tal-artijiet. Tinkoraġġixxi lill-muniċipalitajiet biex jagħmlu l-art tagħhom stess disponibbli għal żviluppi ġodda tad-djar.

4. Tieħu miżuri xierqa biex ittejjeb il-ħiliet bażiċi u tiffaċilita t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' użu usa' ta' taħriġ u apprendistati bbażati fuq ix-xogħol. Issaħħaħ l-isforzi biex timmira b'mod aktar effikaċi l-miżuri tas-suq tax-xogħol u tal-edikazzjoni lejn żgħażagħ b'livell baxx ta' edukazzjoni u persuni ġejjin minn ambjent migratorju. Iżżid l-intervent bikri u l-ilħiq lejn żgħażagħ li mhumiex reġistrati mas-servizzi pubbliċi.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President